**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Elton Taliana]**

**vs**

**Leon Borg**

**Kumpilazzjoni Numru: 264/17**

**Illum 1 ta' Awwissu, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Leon Borg detentur tal-karta tal-identita' numru 4897M.

Akkuzat talli:

1. Harab mill-kustodja tal-Pulizija;
2. Kiser il-Liberta' Provizorja billi naqas milli jhares kundizzjoni li giet imposta fuqu mill-Qorti ta' Malta, mill-Magistrat Dr. A. Bugeja LL.D. fid-digriet taghha datat 27 ta' Dicembru, 2016 li bih l-imputat m'ghandux jaghmel reat iehor ta' natura volontarja, li naqas illi jiffirma fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra kull nhar ta' Tnejn u Hamis bejn it-8:00Hrs u s-18:00Hrs, illi jirrisjedi fl-indirizz tar-residenza t'ommu No 4, Blue Coral

Mansions, New Street in J. Quintinus Str, Qawra u li jidher u joqghod ghal kull ordni ta' din il-Qorti jew kwalsiasi Qorti ohra li quddiemha jkun jinsab il-process.

3. Kiser il-Liberta' Provizorja billi naqas milli jhares kundizzjoni li giet imposta fuqu mill-Qorti ta' Malta, mill-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D. fid-digriet taghha datat 29 ta' Lulju, 2016 li bih l-imputat m'ghandux jaghmel reat iehor ta' natura volontarja, u li jirrapporta fl-Ghassa ta' Birkirkara, kuljum bejn 08am u 07pm.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat wiegeb li mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Semghet ix-xhieda prodotti u t-trattazzjoni;

**Ikkunsidrat** illi mill-provi prodotti johrog illi nhar it-tmintax (18) ta' Gunju elfejn u sbatax (2017) u fil-granet ta' qabel gewwa Birkirkara, l-imputat harab mill-kustodja tal-pulizija wara li kienu arrestawh fuq allegat ksur tad-digrieti tal-helsien mill-arrest moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta datat disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju elfejn u sittax (2016), kif ukoll minn din il-Qorti presjeduta mill-Magistrat Dr. Aaron Bugeja LL.D. datat sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru elfejn u sittax (2016) u dan ghaliex allegatament l-imputat biddel id-dar residenzjali tieghu minghajr ma nnotifika lill-

Prosekuzzjoni, kif ukoll naqas milli jattendi l-Qorti minghajr notifika u/jew awtorizzazzjoni hekk kif jistipulaw l-istess digrieti.

Illi hareg mit-trattazzjoni tad-difiza li m'hemmx kontestazzjoni li l-imputat harab mill-kustodja tal-pulizija u wisq aktar ma kienx hemm kontestazzjoni li l-imputat naqas milli jottempera ruhu mad-digrieti hawn fuq citati billi meta suppost kellu jidher il-Qorti huwa naqas li jattendi f'zewg istanzi quddiem zewg Magistrati differenti u dan fil-hmistax (15) ta' Gunju elfejn u sbatax (2017) hekk kif gie ampjament ippruvat mill-Prosekuzzjoni kif ukoll ma ffirmax l-ghassa fl-erbatax (14) ta' Gunju elfejn u sbatax (2017) (ara Dok ET 10 u ET 3). Illi sussegwentement mill-provi prodotti hareg illi dan kien ma jiflahx u konsegwentement gie pprezentat fil-mori ta' dawn il-proceduri certifikat mediku li juri l-assenza tieghu (Dok LB1). Illi dak li qed tghid id-Difiza huwa illi dan huwa nuqqas ta' importanza minima u ghalhekk m'ghandhomx jigu applikati d-dispozizzjonijiet tal-Kodici Kriminali li jigu kkonfiskati l-flus tal-garanzija personali.

A rigward l-ewwel akkuza u cioe' dik tal-harba mill-kustodja tal-pulizija kien hemm zewg kontestazzjonijiet legali; dik illi l-harba hija att istantaneju u dan meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni li d-data fic-citazzjoni hija dik tat-tmintax (18) ta' Gunju elfejn u sbatax (2017) kif ukoll fil-granet ta' qabel, kif ukoll illi l-kelma prigunier fl-Artikolu 151 u 152 tal-Kodici Kriminali tirreferi biss ghall-prigunieri ssentenzjati li jkunu qeghdin jigu trasportati minn post ghall-iehor minhabba xi trattament jew mard.

Illi l-Artikoli 151 u 152 li jaqghu taht it-titolu "FUQ IL-VJOLAZZJONI TA' POSTIJIET TA' KUSTODJA PUBBLIKA, FUQ IL-ĦARBA TA'

ARRESTATI JEW SUSPETTI JEW IKKUNDANNATI U FUQ ĦABI TA' ĦATJIN" jghidu testwalment:

*"151. Kull ikkundannat u kull priġunier ieħor li jinsab ħati ta' ħarba sempliċi mill-ħabs jew mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni nkarigati mill-kustodja tiegħu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn sena.*

*F'dan l-artikolu "priġunier" tfisser kull persuna li tkun miżmuma f'ħabs u tinkludi priġunier filwaqt li jkun qed jinġarr għal jew minn ħabs għall-ieħor jew filwaqt li jkun qiegħed taħt kura jew osservazzjoni f'xi sptar.*

*152. Kull priġunier li jinsab ħati li ħarab minn post ta' kustodja jew ta' piena jew minn xi sptar fejn ikun qiegħed għall-kura jew osservazzjoni, jew mill-kustodja tal-persuna jew persuni nkarigati mill-kustodja tiegħu, jeħel, meta biex jaħrab issir vjolenza fuq xi persuna, jew bi ksur tal-postijiet imsemmija, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa erba' snin, bla ħsara għal kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra.*

*F'dan l-artikolu "priġunier" għandha l-istess tifsira li ngħatat fl-artikolu 151."*

Illi sussegwentement u fl-Artikolu tal-ahhar ta' dan it-titolu u cioe' l-Artikolu 160 hemm pprovdut illi:

> ***"Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 151 sal-159 inklużivament jgħoddu fil-każ ta' ħarba ta' persuni, miżmuma skont il-liġi, minn lok maħtur għall-kustodja tagħhom."***

Ghaldaqstant, filwaqt li l-argument tad-Difiza illi l-Artikoli 151 u 152 japplikaw biss ghall-prigunieri ssentenzjati, l-Artikolu 160 jaghti applikazzjoni ghal dawn iz-zewg artikoli anke' ghall-persuni li jkunu taht kustodja legittima mill-pulizija u ghalhekk f'dan il-lok jaghmel sens it-titolu ta' dawn id-dispozizzjonijiet li japplika wkoll ghall-persuni li jkunu harbu u li jkunu arrestati jew suspetti u mhux biss ghall-prigunieri ssentenzjati. Illi pero' mix-xhieda ta' PS 3 u PC 97 ma harigx li l-harba saret b'xi vjolenza u ghalhekk m'ghandux jigi applikat l-Artikolu 152.

Illi l-argument l-iehor tad-Difiza bir-rispett kollu wkoll ma jaghmilx sens legali u dan ghaliex stante li l-harba saret fit-tlettax (13) ta' Gunju elfejn u sbatax (2017) hekk kif hareg ampjament mix-xhieda tas-Surgent PS3 Kevin Grima u ta' PC97 Silvio Bonello, din id-data hija koperta fid-data tal-akkuza peress illi wara d-data tat-tmintax (18) ta' Gunju elfejn u sbatax (2017) hemm inkluz ukoll il-kliem "fil-granet ta' qabel". Din il-Qorti ma taqbilx ukoll mad-Difiza illi l-att tal-harba hija xi haga istantaneja ghaliex huwa veru illi l-akkuzat harab f'data specifika izda huwa baqa' hekk mahrub sal-mument meta sabuh il-pulizija. Illi *multo magis* il-gravita' tal-harba tieghu meta tallaccja mal-fatt li hu kien marbut mad-digrieti tal-helsien mill-arrest

li anke ma setax jahrab jew jinheba fost affarijiet ohrajn u ghalhekk kellu joqghod aktar attent ghall-komportament tieghu.

Illi a rigward il-punt li l-ksur tal-helsien mill-arrest ghandu jigi kkunsidrat bhala wiehed minimu, ugwalment din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni ghal dak li ntqal hawn fuq u ghall-fatt li l-imputat ma jistax igib l-iskuza li ma kienx jaf bil-kundizzjoni tan-notifika f'kaz li ma jkunx jista' jattendi l-Qorti u dan ghaliex din il-Qorti dejjem taqra d-digriet tal-helsien mill-arrest bir-reqqa u twissi l-persuna akkuzata illi jekk ma jifhimx xi haga ghandu jwaqqafha u jsaqsiha ghall-kjarifika.

Illi pero' ma giex ippruvat oltre' d-dubju dettat mill-ligi illi l-imputat biddel id-dar residenzjali tieghu ghax semplicement instab go dar ohra izda pero' fil-kumplament iz-zewg digrieti msemmija fl-akkuza gew xorta wahda miksura.

Illi mehud dan kollu in konsiderazzjoni, din il-Qorti ser tapplika pjenament id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 579 *et seq* tal-Kodici Kriminali u ser tapplika piena ta' prigunerija effettiva izda pero' peress l-eta' mhux kbira tal-imputat u sabiex tara li l-imputat ikollu possibilita' li jirrabilita ruhu ser taghtih l-ghajnuna kollha sabiex mill-habs ikun jista' jaghmel dan.

Illi b'dan pero' din il-Qorti qed tippreciza illi gialadarba li d-digriet tal-helsien mill-arrest datat disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju elfejn u sittax (2016) ma giex ipprezentat mill-Prosekuzzjoni din il-Qorti ma tistax tordna l-konfiska tal-garanzija hemm imposta izda min-naha l-ohra u stante li d-difiza kienet ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' prova tal-veracita' tad-

dokumenti pprezentati permezz ta' verbal tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju elfejn u sbatax (2017) it-tielet (3) akkuza tinsab ghalhekk ippruvata.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17 (b) (h), 151, 160 u 579(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Leon Borg** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal tmien (8) xhur prigunerija effettivi. Din il-Qorti wkoll qed tordna l-konfiska tal-garanzija personali naxxenti mid-digriet tal-helsien mill-arrest moghti mill-Magistrat Dr. Aaron Bugeja LL.D. (Dok. ET6) ghas-somma ta' hdax il-elf ewro (€11,000) favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti qed timponi wkoll fuq l-imputat Ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kap. 9 u taht l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 u sabiex jitqabbad Ufficjal tal-Probation sabiex ikun jista' jigi assistit skont il-kaz u din l-Ordni ghandha tibqa' ssehh tul id-durata tal-prigunerija.

___________________________________

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**